# LILL-BILBLA

*Ta' Fra DWARDU ZAMMIT O.F.M.*

Ħassejt bħal niket kbir, bil-mod jifnini,
Minn qalbi kollox tar, il-ferħ, is-sliem.
Niġġerra qalb l-għelieqi nfittex l-hena
Fl-ibliet u kullimkien.

Fik biss sibt jien serħan, għasfur ta' qalbi,
Mhux meta tkun tistaħba f'xi siġriet;
'Mma meta fl-għoli, 'l fuq tittajjar hieni
Titgħaxxaq bis-smewwiet.

U tinseġ għanja ħelwa ta' tislima
Lix-xemx ħamrana tielgħa fuq l-għoljiet,
Tagħtina l-aħħar ħajr waqt li tkun nieżla
Bil-qajla fl-ilmijiet.

U timla ż-żiffa ħiemda b'għanja sfiqa
Mal-mixja tagħha ddur ma' kullimkien,
Iżżeffen mewġ il-baħar, sħab is-sema,
Is-siġar fil-widien.

Ibqa' hemm, ja bilbla ċkejkna, f'sebħ is-sema
Għax dwejjaq kbar u biża' jsaltnu fl-art;
Biex inti l-faraġ tkun u tibqa' għalija,
Il-ferħ ta' din il-qalb.